**Minuti tal-laqgha # 6 li nzammet b'URGENZA, nhar it-Tlieta 31 ta' Lulju, 2007 fit-08.30 pm.**

Prezenti: Is-Sindku, il-Vici Sindku. Kunsillieri: Chris Grech, Kirby Fenech, Mario Sammut, Marthese Mifsud, Joe DeMartino, Nicola Fenech Adami, Shirley Farrugia, J.M. Camilleri u Pawlu Agius.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alphonse Anastasi kien prezenti.

Agenda: Rizoluzjoni b'urgenza dwar is-Segretarju Ezekuttiv.

1.0 Is-Sindku ressaq din ir-rizoluzzjoni b'urgenza:

*"Peress illi m'ghadx fadal fiducja fis-Sur Alfons Anastasi minhabba l-attegament tieghu fir-rigward illi f'dan l-ahhar 7-8 xhur fejn*

1. *Zamm flus kontanti ghandu fid-dar tieghu gol-Maghtab, minflokk iddepsithom kulljum il-bank kif kien id-dover tieghu. Dawn il-flus Lm17,000 f'kollox, kienu dovuti lill-kunsilli lokali ohra (Lm18000) u Lm6000 il-Lands.*
2. *Zamm flus (xi Lm9000) that l-iskrivanija fl-ufficju tieghu fl-art minflok iddepozithom il-bank kif kien id-dover tieghu, u ta' dan hemm xhieda l'impjegati kollha li wara ghamlu "reconciliation" flimkien, is-Sur Alfons Anastasi rrifjuta li jiehu parti, ghaddas rasu bhall-gallozz u telaq il-barra. Sabu l-fuq minn Lm12000 neqsin, inkluz hamsin envelopes vojta fl-ewwel batch biss. F'batches ohra li sabu l-pulizija, kien hemm iktar flus u envelopes vojta.*
3. *Ta ic-cavetta tas-safe tal-kunsill lill-mara tieghu u fil-fatt din ic-cavetta qatt ma gabha lura u qal li tilifa. Kellna nqabbdu l-experts ikissru is-safe, fejn ukoll sibna xi flus (Lm1200) u iktar envelopes vojta.*
4. *Sibna eluf ta' liri kbar f'cekkijiet skaduti mhux imsarfa, xi whud dating back to 2003 circa. L'investigazzjoni tal-pulizija ghada ongoing u ghalhekk ghaldaqstant nipproponi li is-Segretarju Ezekuttiv jigi sospiz minnufih.*
5. *B'din id-decizjoni ghandu jkun mgharraf ukoll u b'mod imminenti il-Vici Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja u ta' l-Intern, l-avukat Tonio Borg u d-Direttur tal-Kunsilli Lokali is-Sur Natalino Attard.*
6. *Jiena bhala Sindku tal-kunsill u l-kunsill ma nistax nghati assigurazjoni li din ir-rizoluzjonijew parti minnha tigi mghottija/ikkupjata lill-media u l-istampa."*

Saret Diskussjoni.

*Il-Kunsillier Joe DeMartino staqsa jekk din ir-rizoluzzjoni kienetx fl-essenza taghha illi is-Segretarju Ezekuttiv zamm ammont ta' flus mill-aktar zmien permess mill-ligi, liema ligi tghid illi l-kunsill ma jistax izomm aktar minn Lm100 fil-kunsill u b'hekk naqas jiddepozithom kif suppost.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb illi dan l-ammont ta' Lm100 kien jirreferi ghal Petty Cash.

*Il-Kunsillier Shirley Farrugia staqsiet jekk din is-sospensjoni hiex *pending investigations?*

*Il-Kunsillier Joe DeMartino irrefera ghall-item #4, fejn *"Nipproponi li s-Segretarju Ezekuttiv jigi sospiz minnufih"*, fejn spjega li l-kunsill ma jistax jissospendi is-Segretarju Ezekuttiv, izda il-Ministru u ghalhekk il-Kunsill ghandu **"jirrakomanda"** lill-Ministru f'dan ir-rigward.

*Il-Kunsillier Joe DeMartino gibet l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-kunsill ma jistax jikkomunika xi materjal mal-istampa u l-media jekk ma jkunx hemm ordni tal-qorti – skond Art. #53.

*Il-Kunsillier Joe DeMartino qal li hu kien saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv bejn Frar u Marzu 2007, jekk id-depoziti kienux in regola u Segretarju Ezekuttiv kien wiegeb li d-dpoziti kienu qeghdin isiru, izda li kien ghad fadal xi depoziti ohra. Is-Sur DeMartino kien enfasizza li id-depoziti li kien ghad fadal ghandhom isiru kemm jista' jkun malajr. Is-Segretarju Ezekuttiv kien assigurah li kollox ser ikun f'postu.

Il-Kunsillier J.M. Camilleri stqarr li hu kien prezenti mas-Sindku Joe DeMartino meta bejn Frar u Marzu kien gab ghall-attenzjoni din il-materja lis-Segretarju Ezekuttiv, u saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk dan kienx minnu. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb fl-affermattiv.

** Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta id-"dikjarazzjoni" tieghu ghas-sodisfazzjon tal-kunsillieri fejn gew spjegati l-fatti. Kopja hija annessa.

** Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb qal dak li deher fir-rizoluzzjoni illi

a) Ghar-rigward item #1: Iz-zamma tal-flus fid-dar tieghu kienet ta' jumejn biss (il-Hamis filghaxija u l-Gimgha), ghax is-Sibt filghodu sar id-depozitu.
b) Ghar-rigward item #2: Iz-zamma ta' dawn il-flus kienu f'envelopes go box-files fl-ufficju tas-Segretarju Ezekuttiv, u s-Segretarju Ezekuttiv enfasizza li hija ovvja li dawn il-flus jinzammu fl-ufficju tieghu ghax hu responsabbli, bhala l-Kap Finanzjarju
c) Ghar-rigward item #3: Cahad kategorikament li hu kien qal li kien ta ic-cavetta lill-mara tieghu.
d) Ghar-rigward item #4: Hemm cekkijiet li kienu skaduti minn snin ilu, izda ma tfissirx li id-dipartimenti koncernati ma thallsux, ghax dawn jergghu jinhargu cekkijiet ohra biex jonoraw dawk skaduti u numru ta' cekkijiet li kienu fis-safe li kienu skaduti, jirrizultaw li kienu miz-zmien tas-Segretrju ta' qabel.

*** Is-Sindku waqt li kien qed jaqra id-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv ma qabilx ma certu punti u ghall-item #16 oggezzjona bil-qawwa u cempel minnufih lid-Direttur tal-Gvern Lokali, fuq il-mobile tieghu, ghall-kjarifika.

Il-Kunsillier Nicole Fenech Adami staqsiet ghaliex fil-Management Report dawn ma dehrux u is-Sindku wiegeb illi dawn ma jghmlux parti mill-financial reports tal-Kunsill.

Is-Sindku staqsa minn kien ser jissekonda din ir-rizoluzjoni hekk kif emendata ***"ghalhekk il-Kunsill ghandu JIRRAKOMANDA lill-Ministru is-sospensjoni tas-Segretarju Ezekuttiv."***

Il-Kunsillier Joe DeMartino jissekonda ir-rizoluzjoni hekk kif emendata.

Il-Kunsill approva unanimament.

Il-laqgha spiccat 10.20 pm.

Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Alphonse Anastasi
Segretarju Ezekuttiv